**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 26 ta' Jannar, 2016

Rikors numru : 481/2015 AL

AB

Vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi l-esponenti zzewget lill-intimat fil-hdax (11) ta' Marzu 1995 (certifikat taz-zwieg anness Dokument 'A').

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech fit-28 ta' Awissu 2007 (kopja annessa Dokument B);

Illi l-partijiet kellhom tifla wahda li jisimha L u li ghadha minorenni;

Illi ghaddew ferm aktar minn erba` snin mid-data tas-separazzjoni legali u mid-data li fiha l-partijiet ilhom jghixu separatament minn

xulxin , u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Illi ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovuti la bejn il-partijiet lanqas ghall-wild minuri.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Joghgobha tiddikjara li z-zwieg taghha mal-intimat Emanuel Psaila bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Qorti.

Rat ir-rikors illi gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti ;

Rat id-dokumenti li gew esebiti ;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Novembru, 2015 ;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu ;

Rat l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-28 ta' Awwissu 2007 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ppruvat ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut mill-intimat;

Ghaldaqstant, il-Qorti tilqa` t-talbiet u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;